**9 ta' Jannar, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

*Ġanni Camilleri et.,*

*versus*

Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier, ne et.

**Rikors Kostituzzjonali — Proċedura — Validità Kostituzzjonali — "Human Rights" — Interess — Rimedju — Redress — Art. 47 u 119 tal-Kostituzzjoni tal-1964.**

*Trattandosi ta' proċess mhux inizjat il-kawża għandha tiġi regolata bil-liġi proċesswali l-ġdida.*

*Taħt il-Kostituzzjoni tal-1964, il-proċedura korretta biex jiġi ottenut rimedju dwar allegat ksur ta' drittijiet fondamentali hija permezz ta' rikors skond ir-Rules of Court, pubblikati permezz tal-Legal Notice Nru. 48 tal-1964.*

*L-interess huwa l-miżura u element essenzjali ta' l-azzjonijiet kollha, kompriżi kawżi bħal dawn. F'kawżi dwar "human*

*rights", ir-rikorrent irid juri li xi waħda mid-dispożizzjonijiet relattivi "has been, is being or is likely to be contravened in relation to him" u jrid jitlob ir-"redress".*

*Ir-rikorrent jrid juri li mid-deċiżjoni tal-punt in kwistjoni huwa sejjer jottjeni xi utilità prattika. Mingħajr utili m'hemmx interess kif ma hemmx interess ukoll f'każ li r-rimedju jew ir-"redress" ma jkunx aktar possibbli li jingħata mill-Qorti.*

Dan huwa rikors taħt l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1964. Permezz tiegħu is-sitt rikorrenti qegħdin jitolbu —

(i) li l-Proklama Nru III maħruġa mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur jiġi dikjarat lesiv tad-dispożizzjonijiet tal-art. 14 (libertà ta' espressjoni) u 15 (libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1961.

(ii) li l-istess Proklama jiġi dikjarat ultra vires u nvalidu in kwantu l-poter mogħti lill-Gvernatur mill-art. 21 tal-Ordinanza dwar il-Meetings Pubbliċi (Kap. 108) ma kienx jippermettilu jiddiskrimina bejn id-dimostrazzjonijiet imma li jipprojbihom kollha, u

(iii) li jingħataw l-ordnijiet oħra li l-Qorti jidhrilha xieraq għall-każ.

L-istess punti li huma nvoluti f'dan ir-rikors, li ġie preżentat fis-17 ta' Novembru, 1964, kienu ġa ġew riferiti għad-deċiżjoni lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta b'att tagħha tad-9 ta' Novembru, 1964, li kien ġie magħmul tant taħt l-art. 16(3) tal-Kostituzzjoni tal-1961 tant kemm taħt l-art. 47(3) tal-Kostituzzjoni tal-1964, mentri dan ir-rikors hu magħmul biss taħt l-art. 47 ta' din l-aħħar kostituzzjoni, presumibilment taħt is-subartikolu (2) tiegħu, għax huwa taħt dak is-subartikolu (korrispon-

denti għas-subartikolu (2) tal-art. 16 tal-Kostituzzjoni abrogata) li r-rikorrenti jistgħu jadixxu lil din il-Qorti direttament għall-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali.

Ir-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati u dan ir-rikors ġew trattati simultaneament minħabba l-konessjoni bejniethom. Infatti l-oġġett taż-żewġ kawżi huwa identiku u l-unika differenza tinsab fil-metodu tal-proċedura u fil-fatt li f'dan ir-rikors hemm bħala intimat, barra mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Prim Ministru, li ma kienx imdaħħal fil-kawża l-oħra.

Dik ir-riferenza kienet inqalgħet minħabba l-eċċezzjonijiet, anologhi għat-talbiet artikolati fir-rikors odjern, sollevati mis-sitt rikorrenti bħala imputati f'kawża kriminali mibdija kontra tagħhom mill-Pulizija fil-Qorti tal-Maġistrati, però sakemm l-atti ta' dik ir-riferenza waslu lil din il-Qorti r-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors. Mentri ż-żewġ kawżi nstemgħu flimkien il-provi nġabru fl-atti ta' dan ir-rikors bi ftehim verbalizzat li jservu għaż-żewġ kawżi, u l-Qorti ppronunzjat id-deċiżjoni tagħha fuq dik ir-riferenza b'sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Ġanni Camilleri", fis-7 ta' Jannar, 1965, waqt li rriservat id-deċiżjoni fuq dan ir-rikors għas-seduta tal-lum.

L-akkużi kontra r-rikorrenti u l-provi mismugħa u dokumenti esibiti, kif ukoll il-kontenut tar-risposti tal-intimati, tan-noti tal-osservazzjonijiet li l-partijiet għamlu fuq il-punti ta' proċedura u ta' dritt transitorju u l-argumenti prinċipali msemmija fit-trattazzjoni, jinsabu esposti f'dik is-sentenza flimkien mal-verbali li saru, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel piena riferenza għall-partijiet rilevanti tagħha.

Għall-Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija deher Dr. V. Frendo, Avukat tal-Kuruna, mentri

għar-rikorrenti deher Dr. A. Buttigieg.

Peress li l-meritu ta' din il-kawża huwa identitku fl-oġġett u fil-"causa petendi" għal dak deċiż bl-imsemmija sentenza, barra minn dak li sejjer jissemma 'l quddiem, il-Qorti, waqt li tagħmel ukoll espressa riferenza għall-imsemmija sentenza sa fejn għandha x'taqsam, tiddikjara li in kwantu għal dak kollu li jinsab fiha motivat u deċis ma hemmx bżonn ikun hemm pronunzjamenti oħra u għaldaqstant tastjeni milli tieħu kwalunkwe konjizzjoni ulterjuri u li tagħti kwalunkwe deċiżjoni jew provvediment ieħor fir-rigward. Iżjed dettaljatament dan jirrigwarda l-punti segwenti li, naturalment, għar-raġuni tal-identità fuq imsemmija, għandhom x'jaqsmu ma' dan ir-rikors:—

a) Liema Kostituzzjoni, bejn dik tal-1961 u dik tal-1964, għandha tapplika għal dik li hija materja ta' sostanza, li ġie deċiż fi-sens li għandha tapplika l-ewwel waħda;

b) Jekk ir-rikorrenti setgħux jimpunjaw il-validità tal-Proklama in kwistjoni mingħajr ma qabel jimpunjaw dik tal-Public Meetings Ordinance (Kap. 108) li hija l-"enabling law" tagħha — deċiża favur ir-rikorrenti;

c) Jekk dik il-Proklama kenitx lesiva tal-art. 14 (libertà ta' espressjoni) u art. 15 (libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni) tal-Kostituzzjoni tal-1961 in kwantu ipprojbixxa d-dimostrazzjonijiet in kwistjoni — deċiż negattivament għar-rikorrenti;

d) Jekk il-Proklama kienx ultra vires u null bħala diskriminatorju — deċiż negattivament għar-rikorrenti.

F'dik is-sentenza ġie deċiż ukoll li r-riferenza li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati ma kenitx, kif irritenew l-intimati, ir-

rita u nulla, u dana peress li, anke fl-ipotesi, u qieghed jiġi ripetut fl-ipotesi, li għall-materja ta' proċedura tapplika biss il-Kostituzzjoni tal-1961, il-kwistjonijiet hemmhekk quddiem il-Qorti dejjem kienu jinvolvu nterpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Parti II ta' dik il-Kostituzzjoni. Billi d-deċiżjoni ta' dak il-punt kienet tirrigwarda biss il-korrettezza proċedurali tar-riferenza in kwantu tmiss il-kompetenza ta' din il-Qorti, dik il-parti ta' dik is-sentenza mhijiex rilevanti għall-preżenti rikors u għalhekk il-Qorti mijiex qegħda hawnhekk tirriferixxi għaliha.

Iżda bin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Kuruna ssottometta wkoll li jekk, għall-proċedura, tapplika l-Kostituzzjoni tal-1961, allura dan ir-rikors hu irritu u null għax il-proċedura taħt l-art. 16(2) ta' dik il-Kostituzzjoni kellha tkun b'ċitazzjoni u mhux b'rikors. Din il-kwistjoni għad trid tiġi kkunsidrata u deċiża għax, kif għandu jiġi nnotat, il-Qorti, fl-imsemmija sentenza, ma ppronunzjatx ruħha fuq il-punt tal-proċedura applikabbli għax kien biżżejjed għaliha — f'dak l-istadju — li l-att tar-riferenza tal-Qorti tal-Maġistrati kien konsistenti tant ma' l-art. 16(3) tal-Kostituzzjoni tal-1961 kemm ma' l-art. 47(3) ta' dik tal-1964.

Dan mhuwiex l-uniku punt, fost dawk rilevanti għal dan ir-rikors, li ma ġiex deċiż fl-imsemmija sentenza. Hemm tnejn oħra, ċjoè:—

a) Jekk il-Proklama huwiex lesiv tad-drittijiet fondamentali in kwistjoni minħabba li pprojbixxa, barra mid-dimostrazzjonijiet, anki l-meetings pubbliċi li ma ffurmawx parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Indipendenza, kif ukoll jekk hijiex ultra vires u nulla bħala diskriminatorja bejn il-meetings in ġenerali u dawk li jiffurmaw parti miċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali. Dak il-punt ġie riservat, jekk ikun il-każ, għal

din is-sentenza bħala irrilevanti għas-sentenza fuq imsemmija, u dana peress li r-rikorrenti ma kenux akkużati li ħadu parti f'meeting pubbliku u għalhekk, f'dak l-istadju, il-Qorti tal-Maġistrati ma kelliex bżonn ta' deċiżjoni fuqu;

b) Fir-rikors odjern, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu ir-rimedju li l-Qorti tista' tagħti meta tiġi adita direttament mill-persuni nteressati, u mhux minn Qorti oħra. Dawn ir-rimedji ma jintalbux fil-proċedura tar-riferenza lil din il-Qorti minn Qorti oħra, għax il-Qorti l-oħra tkun trid biss deċiżjoni biex tkun taf fuq liema bażi għandha tkompli l-kawża quddiemha.

Dan premess il-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-punti fuq imsemmija. Minn dawn l-ewwel wieħed irid bil-fors ikun dak tal-proċedura applikabili, bħala perentorja tar-rit għalkemm biss dilatorja tal-meritu.

Fis-sentenza fuq imsemmija, il-Qorti kkunsidrat fit-tul liema Kostituzzjoni għandha tapplika, għal dak li jirrigwarda s-sostanza, in vista tal-fatt li mentri ir-rikorrenti ġew arrestati fl-20 ta' Settembru, 1964, l-aħħar ġurnata qabel ma daħħlet fis-seħħ il-kostituzzjoni tal-1964, huwa ġew ppreżentati l-għada tad-dħul fis-seħħ tagħha, u sa dik inhar ma kienu bdew ebda kawża biex iwaqqgħu l-Proklama fuq il-motivi minnhom in segwitu avanzati. Il-Qorti ddeċidiet, fl-interess tar-rikorrenti, li dejjem għal dak li hu sostanza, kellha tapplika l-Kostituzzjoni tal-1961 u dana fuq il-bażi tad-dritt akkwiżit jew kawża ta' azzjoni pre-esistenti għad-dħul fis-seħħ tal-Kostituzzjoni l-ġdida. Iżda dik id-deċiżjoni bil-motivi tagħha, ma tapplikax għal dan il-punt għax il-prinċipju in materja hu li għal dik li hi proċedura ħadd ma jakkwista drittijiet kweżiti. Nerġgħu nfakkru f'dak li ntqal f'dik is-sentenza, ċjoè, li l-art. 38(2) tal-Interpretation Act, 1889, għandu jiġu applikat kif jiġi applikat għall-atti tal-

Parlament Ingliż, jiġifieri, kif hu stess interpretat fl-Ingilterra. Issa ġie ħafna drabi deċiż, kif turi l-lista twila ta' preċedenti fin-nota (s) a paġ. 517 ta' Halsbury's Laws of England, Vol. 31, (2nd Edit.) li "an enacting clause which affects procedure only is retrospective for it deals with the mode in which a right of action already existing shall be asserted, and creates no new right of action". Forsi jista' jiġi osservat in parentesi li aħna f'Malta, fis-sistema tagħna, ma nsejħuliex "retrospettiva" imma x'aktarx "ta' immedjata applikazzjoni" jew komunkwe insegwu d-distinzjoni bejn proċessi konklużi, proċessi pendenti u proċessi mhux inizjati li għaddottrina tagħha l-Qorti tħoss li ma tistax tagħmel aħjar milli tirriferixxi għal xi spjegazzjoni kompendjuża fil-Chiovenda, Istituzioni Di Diritto Processuale Civile (Vol. I, pp. 78-80) bil-konsegwenza li, trattandosi ta' proċess mhux inizjat, il-kawża għandha tiġi regolata bil-liġi proċesswali l-ġdida, li, kif jidher, twassal għall-istess konklużjoni bħall-ġurisprudenza ngliża fuq imsemmija, almenu għall-kawżi ġodda.

Imma sfortunatament għal dak li jirrigwarda il-preokkupazzjonijiet tal-Qorti, il-kwistjoni ma tidhirx li hija daqshekk sempliċi. L-istess Interpretation Act, fl-artikolu ċitat, jgħid li "...the repeal shall not... affect... any right... or... any legal proceeding... in respect of any such right... and any such legal proceeding... may be instituted, continued or enforced... as if the repealing Act had not been passed". Kwistjoni waħda li tippreżenta ruħha hi jekk dik il-"may" għandhiex tiġi nterpretata bħala "shall". Kwistjoni oħra hi li d-dispożizzjoni kollha tal-art. 38(2) hija governata millfrażi "unless the contrary intention appears". Il-Qorti taħseb li m'għandhiex tassumi (u naturalment fuq liġi proċedurali ngliża, in difett ta' materjal u argumenti iżjed qawwija quddiemha, titkellem bi ftit trepidazzjoni) li l-prinċipju tal-case law imsemmi fil-Halsbury jiddistruġġi l-valur tad-dispożizzjoni tal-Interpretation Act fis-sens li dejjem u bil-fors

għandha tapplika il-proċedura l-ġdida. Kieku kien hekk dak l-artikolu nkiteb għal xejn. Lanqas ma jidher ġust li fiċ-ċirkostanzi, il-"may" għandha tiġi nterpretata bħala "shall" għax allura l-partijiet ma jkunux jistgħu jivvantaġġaw ruħhom mill-proċedura l-ġdida fejn tkun kontributorja għall-ġustizzja u għall-ekonomija tal-proċessi.

Hemm imbagħad każijiet fejn a dire tal-Halsbury (op. cit. p. 518) "when rights and procedure are dealt with together, it may be the intention of the legislature that the old rights are still to be determined by the old procedure and that only the new rights are to be dealt with under the new procedure". Frankament il-Qorti ma tistax issib biżżejjed fuqhiex tiddeċifra b'ċertezza morali, li din kienet, jew x'kienet, l-intenzjoni tal-legislatur fuq dan il-punt billi, a differenza minn proċessi kostituzzjonali ġa pendenti fiż-żmien tax-xogħol preparatorju u li hu seta' jkollu quddiem għajnejh, hu ma setax żgur ikollu din il-kawża f'moħħu. Billi l-Qrati però dejjem għandhom jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom u ma jistgħux jaħarbu minn dan l-oneru, il-Qorti taqa' fuq dawk ir-regoli bażiċi ta' nterpretazzjoni li huma s-sens komun u s-sens ta' ġustizzja. "Judicial interpretation should be directed to avoiding consequences which are inconvenient and unjust, if this can be done without violence to the spirit or the language of the statute. If the language is ambiguous and admits of two views, that view must not be adopted which leads to manifest public mischief or inconvenience or injustice". (Halsbury, op. cit. p. 506). U għalhekk tikkonkludi fuq dan il-punt li mentri r-rikorrenti kieku riedu setgħu mxew b'ċitazzjoni, li hija l-proċedura korretta taħt il-Kostituzjoni abrogata, il-Qorti tista' mingħajr strapp għall-kliem u għall-ispirtu tal-liġi tippermetti l-proċedura bir-rikors taħt il-Kostituzzjoni l-ġdida skond ir-Rules of Court pubblikati permezz tal-Legal Notice nru. 49 tal-1964.

Tibqa' l-ewwel kwistjoni ta' meritu li għad baqa' pendenti, dik li tirrigwarda l-validità tal-Proklama fid-dawl talprojbizzjoni tal-meetings. Deċiżjoni fuq dan il-punt, sew taħt l-ewwel motiv ta' lanjanza (ksur taż-żewġ drittijiet fondamentali) kemm taħt it-tieni (diskriminazzjoni), m'għandhiex għalfejn tiġbed fit-tul u l-Qorti ma ddeċidietx fil-kawża l-oħra semplicement għal skop ta' ekonomija ("doctrine of strict necessity" hemm riferita) li in fondo hi regola ta' loġika.

Ma hemmx kwistjoni lir-rikorrenti seta' kellhom motiv biex jintavolaw dan ir-rikors għal li seta' jwassal, għax filmument tal-preżentazzjoni tiegħu (7 ta' Novembru, 1964) kulħadd kien għadu daqsxejn konfuż fuq il-proċedura u allavolja saret ir-riferenza mill-Qorti tal-Maġistrati fl-interess tagħhom qua imputati huma setgħu ħassew li kellhom interess ieħor bħala ċittadini. Kieku l-Proklama kienet għadha sseħħ huma setgħu jitolbu li tiġi mwaqqa' biex ikunu jistgħu jagħmlu l-meeting jew jieħdu parti f'meetings talpartit tagħhom.

Imma l-fatt imprexxindibili huwa li l-Proklama, bħala miżura temporanja u għal żmien qasir, ilha li ntemmet mill-24 ta' Settembru tas-sena l-oħra. L-effetti tagħha sew dwar il-meetings kemm id-dimostrazzjonijiet jinsabu eżawriti. Jekk ir-rikorrenti kellhom interess jinpunjawha bħala mputati ta' akkużi kriminali dwar dimostrazzjoni, dik il-kawżali ta' mpunjazzjoni ġa ġiet deċiża, u, kif intqal fil-bidu ta' din is-sentenza, ma hemmx għalfejn jerġa' jiġi deċiż. Huma m'għandhomx iżjed interess, u verament qatt ma kellhom, jimpunjawha minħabba l-probizzjoni tal-meetings bħala mpuntati, għax ma jinsabux "in jeopardy" dwar daqshekk U llum lanqas m'għandhom interess li jinpunjawha in ġenerali bħala ċittadini, għaliex l-iskop ta' rikors taħt l-art. 47(1) tal-Kostituzzjoni tal-1964 kif del resto taħt il- Kostituzzjoni

ta' qabilha, huwa r-"redress", ir-rimedju; u l-Qorti ma tista' tagħti ebda "redress", ebda rimedju, ma tista' tagħmel ebda ordni taħt is-subartikolu (2), toħroġ ebda att jew direttiva sabiex tweттaq jew tiżgura t-twettiq tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fondamentali u li jistgħu jagħmlu lir-rikorrenti xi ġid intis fis-sens ta' dak li jikkostitwixxi l-interess li huwa l-miżura u element essenzjali ta' l-azzjoni.

L-interess huwa element essenzjali għall-azzjonijiet kollha kompriża din ix-xorta ta' kawża. Hawn ma hawnx azzjoni popolari. Tant hu hekk li l-Kostituzzjoni tal-1964 li, kif fuq deċiż, hija applikabili għall-aspett proċedurali ta' dan il-każ, fl-art. 119, meta tiddispensa minnu, bħala eċċezzjoni singolari, għall-azzjonijiet ta' impunjazzjoni tal-liġijiet, tagħmel riserva speċjali għal kawżi dwar il-"human rights". F'dawn il-kawżi r-rikorrent irid juri li xi waħda mid-dispożizzjonijiet relativi "has been, is being, or is likely to be contravened in relation to him" u jrid jitlob ir-"redress". Issa anke jekk wieħed jipprospetta, bħala mera ipotesi, li l-Proklama setgħet illediet id-dritt tar-rikorenti, huma ma jistgħu jottjenu ebda utilità iżjed, fis-sens tal-utilità prattika li tikkostitwixxi l-interess, mid-deċiżjoni tal-punt in kwistjoni. Kieku kien għadu ż-żmien biex bit-twaqqih tal-Proklama r-rikorrenti jkunu jistgħu jagħmlu meetings jew jieħdu parti fihom, jew kieku r-rikorrenti ġew sottoposti għal xi akkuża kriminali fir-rigward, il-pożizzjoni kienet tkun differenti, għalkemm b'daqshekk il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid x'kienet tiddeċiedi f'dak il-każ. Imma llum ħadd mhu qiegħed iżommhom u m'għandhomx bżonn ordni jew rimedju applikati mill-Qorti għal daqshekk, u la m'għandhomx bżonn m'għandhomx utili, u mingħajr utili m'hemmx interess. La huma u lanqas id-dirigenti tal-partit politiku li huma jgħidu li jsegwu ma talbu lill-Qorti r-rimedju opportun fiż-żmien meta setgħu jitolbu lil din il-Qorti tippermettilhom jagħmlu l-meetings. Dan ikompli juri kemm m'għandhomx interess.

Dan il-punt huwa tant magħruf li l-Qorti ma jidhriliex li għandha bżonn issostnih iżjed b'ġurisprudenza u duttrina, però għal kull fini tajjeb tirriferixxi għas-sentenza tagħha fl-ismijiet "Dr. Vincenzo Maria Pellegrini vs. Cecil Pace et.", deciża s-sena l-oħra.

Dwar it-tieni motiv ta' lanjanza, ċjoè, l-allegata diskriminazzjoni fil-Proklama, u nuqqas ta' vires, il-Qorti jidhrilha li dan hu ħaġa waħda mal-punt hawn fuq deċiż, għax il-karenza jew l-eċċess ta' poter tal-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ġiet preżentata fit-trattazzjoni bħala konsistenti fl-istess diskriminazzjoni, u d-diskriminazzjoni hija l-essenza tal-kaur tal-"human rights" in kwistjoni. Iżda anki hawnhekk jibqa' japplika, fi kwalunkwe każ, il-pun tan-nuqqas ta' nteress fuq deċiż.

In vista ta' dan mhuwiex il-każ li l-Qorti tieħu konjizzjoni tat-talba l-oħra għar-rimedju.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi, waqt li terġa' tagħmel espressa w ampja riferenza għal dak li ġie deċiż bis-sentenza tagħha tas-7 ta' Jannar, 1965, fil-kawża "Il-Pulizija vs. Ġanni Camilleri et.", minħabba n-nuqqas ta' l-interess neċessarju fir-rikorrenti, tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-Ġudizzju. L-ispejjeż kollha in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ jibqgħu bla taxxa bid-dritt tar-Reġistru għar-rikorrenti.